MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Rikors Numru. 840/2006

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C-3177)**

**vs**

**Dr. Beppe Fenech Adami u P.L. Veronica Rossignaud gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil Carmel D'Amato li miet fil-15 ta' Settembru 2000 u l-Avukat Dottor John Cremona mahtur b'digriet tat-3 ta' Novembru 1999 bhala kuratur tal-eredita' gjacenti ta' Filippa D'Amato, mart Carmelo D'Amato, bint il-mejtin Carmelo Camilleri u Carmela Camilleri nee' Mifsud, imwielda u toqghod Zebbug, Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta, fejn ippremettiet illi:

B'sentenza fl-ismijiet: Mid-Med Bank p.l.c. vs Philip D'Amato et moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' April 2000 (Citazzjoni Nru: 255/1999 GV) (Dokument HSBC1) s-socjeta' attrici giet kanonizzata kreditrici tal-intimat Philip D'Amato u Carmelo u Filippa konjugi D'Amato u b'digriet tat-3 ta' Novembru 1999 gie nominat l-Avukat Dottor John Cremona bhala kuratur tal-eredita' gjacenti ta' Filippa D'Amato li mietet fil-mori tal-kawza fis-somma ta' sebat elef, hames mija u tmintax-il lira maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm7, 518.73) rapprezentanti bilanc dovut fuq loan account numru: 16 800 1916 flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri ta' 8% mit-22 ta' Marzu 1998 sad-data tal-pagament effettiv – ara prospett hawn anness u immarkat Dokument HSBC2 – u l-ispejjez tal-kawza li jammontaw ghal sitt mija u seba' liri u disgha u hamsin centezmu (Lm607.59) – kopja hawn annessa u mmarkata Dokument HSBC3.

Fil-mori tal-kawza hawn fuq imsemmija u cioe' fit-3 ta' Ottubru 1997 – ara Dokument HSBC4 – mietet il-konvenuta Filippa D'Amato u fil-mori tal-kawza hawn fuq imsemmija gie nominat l-Avukat Dottor John Cremona bhala kuratur tal-eredita' gjacenti tal-istess Filippa D'Amato.

Fil-15 ta' Settembru 2000 gie nieqes ukoll il-konvenut Carmel D'Amato – ara Dokument HSBC5 -.

Is-socjeta' rikorrenti ghadha ma thallsitx il-kreditu dovut lilha bl-imsemmija sentenza u ghandha interess illi tezegwixxi l-istess sentenza fuq imsemmija kontra l-eredi tal-mejtin Carmelo u Filippa D'Amato.

Kif jidher mic-certifikati ta' ricerki mahruga mir-Registru Pubbliku u mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili – ara Dokumenti HSBC6,7,8,9 – l-imsemmija konvenuti mejtin Carmelo D'Amato u Filippa D'Amato kienu ghamlu testmenti pubblici datati 6 ta' Lulju 1977 fl-Atti tan-Nutar Dottor Philip Saliba u iehor datat 24 ta' Gunju 1993 fl-atti tan-Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba u li b'dawn it-testmenti – ara Dokument HSBC10 u 11 – hallew bhala eredi universali taghhom fi kwoti indaqs bejniethom lil

hdax-il uliedhom u cioe' (a) John D'Amato; (b) Carmela mizzewga Dimech; (c) Dolores sive Doris mizzewga Scicluna; (d) Vincenza sive Censina mizzewga Pace; (e) Giuseppa sive Josephine Xerri; (f) Marlene sive Maria Helen mizzewga Saliba; (g) Silvana mizzewga Borg; (h) Rita mizzewga Mallia; (i) Mario D'Amato; (j) Raymond D'Amato; (k) Philip D'Amato pero' dawn sa fejn jaf il-bank rikorrent ma ghamlu l-ebda atto d'erede ghalkemm gew debitament interpellati biex jistqarru dan permezz ta' ittra ufficjali datata 1 ta' April 2004 – ara Dokument HSBC12 – hawn anness.

Kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat qed jigi prezentat ukoll rikors ghall-bandu tal-kuraturi sabiex jirraprezentaw lid-decujus Carmelo D'Amato li qed jigi notifikat fuq l-ulied kollha D'Amato sabiex jidhlu huma fil-kawza jekk huma tassew accettaw il-wirt battal ta' Carmelo u Filippa konjugi D'Amato.

Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti li ai termini tal-Artikolu 258 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigu ravvivati d-drittijiet taghha kontra l-konvenuti u b'hekk l-istess sentenza terga' ssir titolu ezekuttiv skond il-Ligi u tkun tista' tigi ezegwita kif gej:

a) Kontra Philip D'Amato, kontra l-Avukat John Cremona bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-eredita' gjacenti ta' Filippa D'Amato u kontra kuraturi deputati li ghad iridu jigu appuntati sabiex jirraprezentaw l-eredita' gjacenti ta' Carmelo D'Amato; jew

b) Kontra Philip D'Amato u (a) John D'Amato; (b) Carmela mizzewga Dimech; (c) Dolores sive Doris mizzewga Scicluna; (d) Vincenza sive Censina mizzewga Pace; (e) Giuseppa sive Josephine Xerri; (f) Marlene sive Maria Helen mizzewga Saliba; (g) Silvana mizzewga Borg; (h) Rita mizzewga Mallia; (i) Mario D'Amato; (j) Raymond D'Amato; (k) Philip D'Amato jekk dawn tal-ahhar juru li accettaw il-wirt battal ta' Carmelo u Filippa konjugi D'Amato.

c) Tordna li l-kuratur l-Avukat Dottor John Cremona, fil-kwalita' tieghu ta' kuratur tal-eredita' ta' Filippa D'Amato, jigi rilaxxjat mill-kariga tieghu ta' kuratur tal-imsemmija eredita' ta' Filippa D'Amato jekk l-eredi juru li accettaw il-wirt battal ta' Filippa D'Amato.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi li eccepew illi:

Huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri kemm-il darba huma jigu edotti mill-fatti.

Rat li ghalkemm debitament notifikat Dr. John Cremona bhala kuratur deputat tal-eredita' gjacenti ta' Filippa D'Amato baqa' ma pprezenta ebda twegiba.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' t-talba tal-Bank rikorrenti u tordna li s-sentenza moghtija fit-28 ta' April 2000 (Cit. Nru: 255/1999 GV) fl-ismijiet Mid-Med Bank p.l.c. vs Philip D'Amato terga' ssir titolu ezekuttiv kif mitlub.

Il-Qorti tilqa' ukoll it-tielet talba tal-Bank rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-intimati b'dana pero' illi provvisorjament id-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu mill-Bank rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------